# SANT'ANNA U L-ORDNI TA' SAN ĠWANN

Sa' minn żmijijiet imbegħda, Sant'Anna tqegħdet bħala l-qaddisa protettriċl tal-baħħara. Għalhekk, billi l-Ordni ta' San Ġwann kien ukoll forza marittima, il-Kavallieri kellhom qima speċjali lejha. Dan jidher sa' mill-ewwel jum tagħhom f'dawn il-Gżejjer.

L-aqwa xini ta' l-Ordni, li fuqha wasal fostna l-Gran Mastru L-Isle Adam u l-ġerarkija ta' l-Ordni fl-1530, kienet is-'Sant Anna, bħala 'la capitana' jew 'la Caraccha'. Din kienet inbniet f'Nizza u kellha d-distinzjoni li tkun l-ewwel bastiment 'armour plated'. (1) Din ix-xini tat servizz twil u storiku u tkissret hawn Malta, wara li qdiemet sew, għal ħabta ta' l-1660.

Mal-wasla tiegħu f'Malta, il-Gran Mastru kabbar u rrestawra l-Knisja ddedikata lil Sant'Anna, li kienu bnew f'Kastell Sant'Anġlu il-Kastellani De Nava għal ħabta ta' l-1450. L-arkati tas-saqaf ta' din il-knisja, li hu ta' stil Sicula-Normann, qed jistrieħu fuq pilastru tal-granit li, tradizzjonalment jingħad, kien wieħed minn bosta li kien hemm f'tempju pagan fil-qrib. Din il-knisja kienet ta' mportanza notevoli għall-Ordni tant li l-ewwel Gran Mastri li mietu f'Malta - L-Isle Adam, Del Ponte, D'Homedes u La Sengle kienu ndifnu fiha. (2)

Flimkien ma' relikwi oħra, l-Kavallieri kienu ġiebu magħhom dak li hu miżmum bħala d-driegħ lemini ta' Sant'Anna. Meta aktar tard inbniet il-Knisja Konventwali ta' San Ġwann fil-Belt, din ir-relikwija, flimkien ma' oħrajn, tqegħdet għall-qima fil-Kappella ta' San Karlu fejn inventarju espost fl-istess kappella, jikkonferma l-preżenza tagħha sa' llum.

Xhieda tal-qima ta' l-Ordni lejn Sant'Anna kompliet tidher mal-bini ta' Forti Sant'Iermu. Kappella antika li kien hemm ġiet iddedikata lil Sant'Anna u fiha tqegħdet xbieha antika skulturata fl-injam li lejha l-kavallieri kellhom devozzjoni kbira. Din għadha hemm sa llum. Jingħad li din setgħet kienet it-titular tal-kappella tax-xini 'Sant'Anna' li semmejna fil-bidu. (3)

Ta' nteress għall-istorja tal-Fratellanzi f'Malta hu l-fatt li fil-kappella msemmija kienet twaqqfet is-Sodalita ta' Sant'Anna, iffurmata mis-suldati tal-Forti u l-familjari tagħhom. (4)

Wara li l-għadd ta' suldati f'Sant'Iermu żdied ħafna, inħasset il-ħtieġa ta' knisja akbar. Ħaseb għal dan il-Gran Mastru Perellos li ħallas għal bini ta' oħra.

Wara li tlestiet fl-1729, ġiet iddedikata lil Sant'Anna wkoll u tbierket minn Fra Melchiorre Alpheran fit-23 ta' l-istess sena.

Kemm il-kappella l-qadima kif ukoll dik ġdida kienu ċ-ċentru ta' għadd ta' pellegrinaġġi li kienu jsiru f'xi żminijiet ta' saram, għax f'bosta mill-għeltijiet tagħhom, il-Kavallieri lejn Sant'Anna kienu jduru. Wieħed mill-aktar pellegrinaġġl li baqgħu magħrufa kien dak ordnat mill-Gran Mastu u l-Kunsill ta' l-Ordni fl-1692, meta kien hawn nuqqas kbir ta' xita. (5)

Il-qima ta' l-Ordni lejn Sant'Anna tkompli toħroġ fiċ-ċar meta nbnew is-swar tal-Furjana. Wieħed mill-bibien prinċipali fihom kien issejjaħ 'Porta Santa Anna'. Għalkemm dan m'għadux wieqaf, b'tifkira tiegħu għandna isem it-triq prinċipali ta' dan is-subborg, li minnu ħadet isimha. In-niċċa ta' Sant'Anna li kien hemm taħt dan il-bieb issa tinsab mal-ħajt tas-sur li miegħu kien jistrieħ. Ta' min jinnota li, billi din in-niċċa tqegħdet f'tarf il-għolja, li għal bhejjem kienet xi ftit iebsa, il-kuċċiera tal-karrozzini ukoll saru devoti ta' Sant'Anna billi ma naqsu qatt li jgħidu xi talba żgħira quddiemha biex il-bhejjem tagħhom jitilgħu l-għolja mingħajr inkwiet. B'hekk xi tazza żejt tixgħel quddiemha ma naqset qatt.

Għalkemm l-Ordni ta' San Ġwann m'għadux magħna, il-kult li, forsi bis-saħħa tiegħu kompla tkattar fostna, baqa' magħna, Biżżejjed wieħed iħares lejn l-għadd ta' kappelli u altari iddedikati lil Sant'Anna fil-knejjes tagħna biex jikkonferma dan.

Anton Attard

Riferenzi:


1. H.P. Scicluna, 'The Order of St.John of Jerusalem' Malta 1969 p.31.
2. J.F. Darmanin, "The Phoenico-Greco-Roman Temple and the Origin & Development of Fort St.Angelo', Malta 1948, pp.78-89
3. G. Darmanin Demajo, 'il-Knisja ta' Sant'Anna f'Castell Sant'Elmo', Leħen is-Sewwa 31 ta' Mejju 1930.
4. M. Ellul, 'Fort St.Elmo', 1988, p.43.
5. Idem.